## Żmien ta’ bidla u konverżjoni

Jekk Alla jrid fis-26 ta’ dan ix-xahar nibdew żmien ir-Randan. Huwa żmien li l-Knisja tpoġġilna quddiemna bi preparazzjoni għall-festa tal-Għid il-Kbir. Ir-Randan irid ikun żmien ta’ tisfija u li jġib konverżjoni fil-ħajja spiritwali tagħna. Il-knisja titlob minna li jkun żmien ta’ sawm u ta’ talb u riflessjoni fuq ir-relazzjoni tagħna m’Alla; relazzjoni li fil-qofol tagħha hemm il-ħniena t’Alla għan-nuqqasijiet tagħna. F’moħħi jiġi kliem is-salmista “Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.” Ir-Randan irrid jgħinna biex nirriflettu b’liema mod ħabbna u wera ħniena magħna Alla u kif kontinwament iħassar il-ħtijiet tagħna. Alla uriena l-imħabba u l-ħniena tiegħu għalina permezz ta’ Ibnu li sar bniedem bħalna u ċarċar demmu mal-għewda tas-salib. Meta nħarsu lejn is-salib inkunu qegħdin inħarsu lejn l-imħabba u l-ħniena t’Alla, inkunu qegħdin inħarsu b’liema mod juri tjieba magħna u jħassar il-ħtijiet tagħna. Ejjew naħdmu biex dan ir-Randan ma’ jgħaddiex bħal ta’ snin ta’ qabel, imma nisfrutaw dan iż-żmien biex ikun żmien ta’ konverżjoni u bidla fil-ħajja spiritwali tagħna. Ikun żmien fejn nirrifletti fuq ir-relazzjoni tiegħna m’Alla u jekk ħajitna tirriflettix dak li Alla jrrid minna. Ejjew inħallu r-Randan ikun żmien li jwaħħadna m’Alla u nesperjenzaw b’mod sħiħ l-imħabba u l-ħniena kbira tiegħu għalina.

F’ismi u f’isem il-komunita’ nawgurawlkom Randan Qaddis!

**P.** Aaron Zahra **O.P.**
*Pirjol*

www.opbirgu.org

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa nru. 5 Frar 2020





## Nirriflettu fuq Santa Katarina bħala Duttur tal-Knisja

## 1970 - 2020

Kelliem: Rev. Dr. Llewellyn Muscat OP

Nhar il-Ġimgħa 24 t'April 2020, fis-7p.m.
fl-Oratorju fil-Kunvent tal-Patrjiet
Dumnikani, il-Birgu

Kunvent Patrijiet Duminkani,
Triq il-Mina l-Kbira,
Il-Belt Vittoriosa

www.opbirgu.com

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu



## Niskopru l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika

**Laqgħat miftuħa għal kulħadd**
**minn Novembru sa April,**
**kull nhar ta' Ġimgħa fis-7p.m.**

**fl-Oratorju tal-Kunvent**
**tad-Dumnikani, il-Birgu.**

# Mid-djarju tal-Knisja tal-Lunzjata

Il-Ħadd 2 ta' Frar - *Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.*
Fl-9:30am - Uffiċċju tal-Qari u Talba tat-tifħir ta' sbieħ il-jum.
Fl-10am - Quddiesa kantata kkoncelebrata mmexxija mill-Pirjol li tibda bit-tberik tax-xemgħa fil-Kappella tad-Duluri.

Il-Ġimgħa 7 ta' Frar
Fis-7:00pm - Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fis-7pm fl-oratorju fil-kunvent.

It-Tnejn 10 ta' Frar - *Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl.*
Quddies: 8am, 10am u 12pm

L-Erbgha 12 ta Frar - *Miġja tax-Xbiha tal-Madonna tal-Grazzja*
Fil-5:30pm il-Patrijiet Dumnikani jilqgħu l-inkwadru ġewwa il-Birgu u fis-5:45pm tingħad it-talba tal-għasar u wara quddiesa fis-6:15pm.

Il-Ġimgħa 14 ta' Frar
Fis-7:00pm - Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fis-7pm fl-oratorju fil-kunvent.

Il-Ħadd 16 ta' Frar – *Pellegrinaġġ fuq il-qabar tas-Serva t'Alla Francesca Tereża Parlar fl-Anniversarju tal-professjoni tagħha bħala Terzjarja Dumnikana.*
Tluq mill-Birgu fid-9:00a.m. Fid-9:30a.m. jingħad ir-Rużarju u wara quddiesa fil-Kappella tad-Duluri fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

It-Tlieta 23 ta' Frar
Laqgħa ġenerali tal-Lajċi Dumnikani tal-Birgu

It-Tlieta 25 ta' Frar
Il-Lajċi Dumnikani tal-Birgu mistednin għall-quddiesa tas-6:15p.m. Wara l-quddiesa jkollna mument ta' talb fuq l-artal ta' Santa Katarina ta' Siena fl-okkażżjoni tal-50 sena tad-dikjarazzjoni bħala Duttur tal-Knisja. Wara issir il-laqgħa tax-xahar fl-oratorju fil-kunvent.

L-Erbgha 26 ta' Frar - *Ras ir-Randan*
Quddies: 7:30am, 10:00am
Fil-5:20pm -Talba tal-Via Sagra fil-Knisja.
Fis-5:45pm - Talba tal-Ghasar.
Fis-6:15pm.- Quddiesa Kkoncelebrata mmexxija mill-pirjol.